MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 430/2004

**John Pullicino**

**Vs**

**Joseph Sghendo**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta Frar 2004 fejn
intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-attur is-somma
ta elf u tnejn u sittin lira hamsa u sebghin centezmu (Lm1062.75) jew
somma verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-attur f'incident
stradali li sehh fid-9 ta Lulju 2003 gewwa triq Dicembru 13 il-Marsa
bejn il-vettura numru DBB 826 misjuqa mill-konvenut u bowser bin-

numru EBF 619 proprjeta tal-attur misjuqa minn Stephen Vella u ghal
liema ncident l-istess konvenut kien unikament responsabbli.
Bl-ispejjes inkluzi dwak ta ittra legali datata 20 ta Awissu 2003, ta ittra ufficcjali datata 25 ta Novembru 2003 u ta ohra prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra ghal finijiet tal-Kap 104 tal-ligijiet ta Malta u bl-imghax legali dekorribbli mill-25 ta Novembru 2003 kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut datata 15 ta Marzu 2004 fejn ikkontesta r-responsabbilita tal-incident in kwistjoni peress li kien jahti biss is-sewwieq tal-vettura ta l-attur u kif ukoll id-danni allegatament kawzati stante li kienu ferm ezagerati kif kien sejjer jirrizulta waqt il-kawza.

Ra l-provi prodotti nkluz id-dokumenti esebiti.

Sema t-trattazzjoni orali tal-abbli difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi l-kollizzjoni in kwistjoni sehhet gewwa Triq Dicembru 13 il-Marsa fil-liwja li hemm ftit l'hinn mill-pompa tal-petrol u r-roundabout u ftit qabel fejn tizbokka it-trieq fejn hemm il-korsa taz-zwiemel.

Il-verzjonijiet tas-sewwieqa dwar kif sehh l-impatt huma ghal kollox opposti minn xulxin. Is-sewwieq tal-bowser jallega li huwa kien gej u baqa jdur fuq it-tieni karreggjatura minn erbgha li kien hemm u kien il-konvenut li dahal go fih meta ttanta jaqbzu minn naha ta gewwa u kiser ghal go fih mix-xellug ghal lemin. Minn-naha l-ohra l-konvenut ighid li huwa kien gej u baqa jdur fuq l-ewwel karreggjata dik l-aktar ta gewwa fejn illum tinsab indikata bhala bus lane u kien is-sewwieq tal-bowser li kiser ghal go fih mill-lemin ghax-xellug f'mument minnhom gewwa l-liwja.

Fil-fatt il-hsarat subiti huma kompatibbli maz-zewg verzjonijiet li taw is-sewwieqa rispettivi bil-gurament

taghhom u cioe tal-bowser fuq il-gemb tax-xellug tan-naha ta quddiem filwaqt li l-konvenut kellu hsarat fuq il-gemb kollu tan-naha tal-lemin. Dawn il-hsarat subiti fuq il-karozza tal-konvenut jinsabu konfermati mill-attur innifsu u ghalhekk huwa kredibbli l-istess konvenut meta jghid li huwa kien gie rappurtat hazin mis-surgent tal-Pulizija Costa fejn gie mnizzel li huwa qal li l-bowser dahal fuqhu fuq wara.

Illi mill-provi migjuba nkluz dawk cirkostanzjali it-Tribunal huwa propens li jakkolji dik il-verzjoni tal-konvenut bhala l-aktar veritjiera u fi kwlaunkwe kaz certament l-attur naqas li jissoddisfa l-oneru legali tieghu fuq bilanc ta probabbilita li l-incident sehh minnhabba tortijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut u dana ghar-ragunijiet hawn imsemmija:-

a. Il-mod kif jinsabu npingija l-vetturi fuq l-iskizz a fol 15 u a fol 36 tal-process aktar jaghtu kredtu ghal verzjoni tal-konvenut in vista tal-fatt li in segwitu tal-impatt li sehh bejn l-ewwel u t-tieni karreggjata il-vettura tal-konvenut ittajret sakemm wehlet mal-bankina fuq ix-xellug tat-trieq filwaqt li l-bowser jidher li spicca angolat il-barra lejn il-lemin li tindika l-manuvra li kien ghamel il-barra sabiex jevita lill-konvenut mal-impatt;

b. Il-konvenut kien qieghed miexi fuq il-karreggjata ta gewwa u in vista tal-fatt li huwa ried jibqa sejjer lejn Santa Venera ma kellu ebda raguni ghalfejn kellu jitlaq mill-ewwel karreggjata fuq ix-xellug u jaqleb ghall-karreggjata ta hdejn fuq il-lemin. Difatti huwa se mai ried jigbed lejn ix-xellug tieghu kif jasal ghal liwja li tiehdu lejn Santa Venera u mhux lejn il-lemin. Illi ghalhekk it-Tribunal isib lill-konvenut kredibbli meta jghid li huwa baqa dejjem miexi fuq il-karreggjata ta gewwa;

c. Illi mill-banda l-ohra l-bowser kien miexi fuq it-tieni karreggjata minn erbgha u kien diehel fi trieq li taqleb ghal tliet karreggjati. Issa in vista ta dan il-fattur u in vista tal-fatt ukoll li l-bowser huwa ta certu daqs u tul u kwindi fil-liwja hemm tendenza li din ser jehodha u jdurha permezz ta kurvatura aktar wiesgha u tenut kont ukoll tal-fatt illi l-

manuvra kienet qieghdha ssehh appuntu waqt liwja fit-trieq u tenut kont tal-fatt ukoll li qal li kien ghaddej b'xi 50 kilometru fis-siegha, it-Tribunal jemmen li f'tali cirkostanzi, huwa ferm probabbli li mal-liwja is-sewwieq tal-bowser ikun gibed lejn ix-xellug tieghu u kwindi joqrob jekk mhux addirittura jidhol fil-karreggjata tax-xellug tieghu biex jimmanuvra ahjar din il-liwja u kien appuntu f'dan il-mument li laqghat il-vettura tal-konvenut li kienet ghaddejja biswit tieghu fuq il-karreggjata ta gewwa.

Ghaldaqstant in vista tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara li s-sewwieq Stephen Vella kien unikament responsabbli ghall-incident stradali meritu ta dina l-kawza u ghalhekk qieghed jilqa l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut u kwindi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------